MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 45

8 ta` Jannar 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**SKUZAT B`ITTRA TA` APOLOGIJA:**

Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 45.1 Qari tal-ittri ta` Apologija

Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil dawk prezenti li s-Sur Trevor Mizzi talab li jigi skuzat minhabba li impenji ohra importanti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

## 45.2 Korrispondenza

45.2.1 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li l-avukat bghat l-ittra lis-Sinjura Belfiore dwar id-decizjoni tal-Kunsill vis a vi l-performance appraisal tas-sena 2016, fejn kopja ta` din l-ittra intbghtet ukoll lill-kunsilliera.

45.2.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-perit Claude Busuttil gie mgharraf bil-post il-gdid fejn ser jigi l-munument ta` La Vallette, minflok fejn kienet il-gabbana tal-Bocaccio. Is-Sur John Boxall kompla jghid li huwa staqsa lill-perit jekk hemm xi spejjez imma sfortuntament sa` issa l-Kunsill ghad m`ghandhux risposta minn naha tal-perit. Barra minn hekk il-perit propona li ssir laqgha mas-Supretendenza, fejn is-Sindku talab ikun prezenti.

45.2.3 Mibughta korrispondenza lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar progetti li saru ghall-persuni b`dizabilita. Is-Sindku spjega li l-Kunsill bghat ix-xoghlijiet li saru fil-latrina pubblika gewwa l-Berga ta` Franza, ic-chair lift li sar f`wiehed mit-turgien tal-Knisja ta` San Lawrenz u toilets li saru fis-sular ta` isfel u fl-ewwel sular fil-Berga tal-Ingliterra.

45.2.4 Prezentati l-kwotazzjonijiet tal-air condition sabiex jigi nstallat fil-front office peress li dak prezenti m`ghadux tajjeb. Il-Kunsill qabel unanimament li jmur ghall-ahjar ditta u bi prezz tajjeb ukoll.

45.2.5 Il-Kunsill ircieva korrispondenza dwar applikazzjoni tal-progetti tal-URBACT. Is-Sindku spjega kif progetti tal-URBACT huma ta` beneficcju kbir ghall-Kunsill imma sfortunament il-Kunsill m`ghandux ir-rizorsi biex japplika ghal dawn it-tipi ta` progetti. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill ghanu bzonn lil xi hadd sabiex jghin lill-istess Kunsill japplika ghal dawn il-progetti.

17:40hr Is-Sur Anton Gellel dahal fil-kamra ghall-laqgha.

45.2.6 Giet ipprezentata l-korrispondenza flimkien mas-site plan ta` fejn ser jitrama l-tower crane fiz-zona ta` Xewkija fil-festa titulari tal-Kalkara. Wara diskussjoni gie maqbul unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda ogezzjoni biex jinghata l-permess u jsir il-hlas dovut minn mindu jibda jintrama sa` ma jizarma.

45.2.7 Mibughta korrispondenza dwar progett bl-isem “Share Heritages”. Dan il-progett gie propunut mill-Assoccjazzjoni AVEC u jittrata dwar fotografija tal-partimonju tal-lokal. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament li juri interess ghal dan il-progett.

45.2.8 Mibughta ittra mis-Socjeta Storiko Kulturali Vittoriosa dwar il-parkegg tal-pjazza, fejn irringrazzja l-Kunsill ghad-dehra l-gdida li inghatat il-pjazza minn mindu tnehha l-parkegg. Barra minn hekk juru dispjacir taghhom dwar il-progett tat-tisbieh tal-promenade tat-Toqba.

45.2.9 Il-Kunsill ircieva korrispondenza mis-Sur Vella Muskat dwar iz-zebra crossings li hemm fi Triq 8 ta` Dicembru u Triq San Lawrenz li qed ikunu ta` periklu kemm ghas-sewwieqa u ghal min jaqsam minn fuq dawn iz-zebra crossings. Il-Kunsill qabel unanimament li jikteb lill-Transport Malta sabiex l-Kunsill jinghata parir kif tista` tinstab soluzzjoni biex jigu evitati incidenti.

45.2.10 Giet moqrija korrispondenza li l-Kunsill ircieva dwar il-progett "The Knights Route", fejn sfortuntament gejna nfurmati li dan il-progett ma giex accettat.

45.2.11 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti dwar l-applikazzjoni ghas-Sanctioning tal-garaxx tal-Hawli giet sottomessa lill-Planning Authority.

45.2.12 Mibughta korrispondenza lid-Direttur tal-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill rega` bghat ghat-tieni darba dwar talba li kienet saret ghall-haddiem mall-Kunsill fuq progetti tal-EU. Sa` llum il-Kunsill ghadu ma hax risposta dwar it-talba li saret.

45.2.13 Il-Kunsill ghandu l-ammont ta` €44,411.09 UIF funds sal-31 ta` Ottubru 2017. Is-Sindku propona li b`dawn il-flus jinxtraw aktar bankijiet, litter bins, dog litter bins u pots. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

45.2.14 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ircieva talba mis-Sinjura Ruth Ancilleri sabiex taghmel esebizzjoni gewwa l-Berga ta` Franza matul it-tieni gimgha ta` Jannar 2018. Kien hemm qbil ghal din it-talba.

45.2.15 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-konferenza ta` Malta tal-progett SOLIDA ser ssir bejn l-10 u 12 ta` April 2018. Qal ukoll li diga bdew xi preparamenti minn naha tal-Kunsill ghal din il-konferenza.

45.2.16 Mibghuta ittra mis-Socjeta Storiko Kulturali Vittoriosa dwar PA/09912/17 u PA/09912/17, zewg binjiet storici fil-Birgu, li sforunatament qeghdin jigu deterjorati aktar ma jghaddi zmien u mhu jsir xejn. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu idecieda li jikteb lill-Awtoritajiet kkoncernati u jinfurmakom b`din is-sitwazzjoni.

45.2.17 Ntbghat l-abstract tal-Heritage for Planet Earth. Dan l-abstract gie mhejji mis-Sur JC Azzopardi. Is-Sur Boxall qal li huwa ferm importanti li nattendu ghal din il-konferenza bejn it-3-4 ta` Marzu 2018. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

45.2.18 Mibughta korrispondenza dwar seminar 13th European Annual Symposium EU Funds 2018, li ser issir gewwa Berlin bejn id-19 u 21 ta` Marzu 2018. Is-Sur Boxall qal li s-Segretarju Ezekuttiv ghandha tattendi ghal dan is-seminar akkumpanjata minn persuna ohra. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

45.2.19 Gie prezentat id-draft agreement li gie preparat mill-Works and Infrastructure Department dwar it-tunnel li ser ssir mill-Foss li taghti ghac-cement stores u l-progett li ser ssir fic-cement stores. Is-Sur Boxall qal li f`laqgha li saret mad-Direttur Generali tal-Works flimkien mall-Ingineer u l-kuntratturi li ser jinvestu gie diskuss il-possibilita li l-hinijiet tal-ftuh u l-gheluq ta` tunnel jigi estiz. Barra minn hekk is-Sindku zied jghid li s-saqqaf ta` cement stores ghandu jinghata dehra gdida u propona li ghandu jsir xi tip ta` roof garden. Giet diskussa wkoll il-problema tal-parkegg li ser tinholoq jekk jigi zviluppat supermarket fic-cement stores u l-istess supermarket ma jkollux parkegg tieghu stess. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti u gie deciz li ssir laqgha ohra mad-Direttur Generali, is-Sur Ray Farrugia.

18:50hr Is-Sur Lawrence Attard skuza ruhu biex johrog mill-laqgha minhabba li kellu laqgha ohra.

45.2.20 Mibughta korrispondenza dwar Earth Day Clean Up 2018, fejn intalab lill-Kunsilli biex isibu zona biex din tigi mnaddfa. Barra minn hekk il-Kunsilli iridu jiprovdu l-boroz is-suwed u l-boroz il-grizi. Dwar dan ma tiehditx decizjoni.

45.2.21 Mibughta ittra lis-Sur Ramon Deguara dwar vandalizmu li sar fil-latrini pubblici li hemm fix-Xatt tal-Birgu. Barra minhekk gie rrapurtat ukoll li dawk il-persuni li sippost ikunu qed jiehdu hsieb il-latrina, mhux qed ikunu fuq il-post ghalhekk huwa aktar facli li jsir il-vandalizmu.

45.2.22 Mibughta ittra lic-Chairman tal-PA dwar il-konferenza stampa li harget mill-istess Awtorita tal-Ippjanar dwar ir-restawr li ser ssir f`Bieb is-Sultan, fejn dan il-bieb jaqa` taht il-konfini tal-Birgu u mhux kif kien imnizzel li jaqa` taht il-konfini ta` Haz-Zabbar.

45.2.23 Mibughta ittra lid-Direttur tar-Restoration Unit, is-Sur Norbert Gatt dwar diversi hsarat u l-istat ta` abandun li hemm fil-Foss u fil-progett li sar tal-pavimentar fl-area tal-Collachio. Diversi hsarat ilhom jigu rrapurtati ghal diversi gimghat u xhur, imma sfortunatament ma tiehditx azzjoni dwar dan.

45.2.24 Mibughta ittra lill-Onorevoli Ministru Dr.Owen Bonnici fejn il-Kunsill talab li ssir laqgha mieghu biex jigu diskussi u tinghata stampa cara dwar il-problemi li kontinwament qeghdin jiffaccjaw ir-residenti u kull min jigi jzur il-lokalita minhabba l-progett ta` pavimentar fiz-zona tal-Collachio. Barra minnhek il-Kunsill jixtieq jiddiskuti wkoll dwar il-progett li kellhu jsir fil-pjazza u fuq ir-restawr tal-Berga ta` Franza.

45.2.25 Moqrija l-ittra ta` rizenja tas-Sinjorina Marisbel Spiteri, impjegata mall-Kunsill Lokali tal-Birgu bhala skrivana fuq skala 15. Din l-ittra giet milqugha minn dawk prezenti u ghalhekk il-Kunsill qabel li tohrog sejha interna ghall-istess post vakant.

## 45.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

45.3.1 Is-Sur Boxall qal li l-progett tax-Xewkija baqa` fuq l-ixkaffa, progett tant importanti fil-lokalita tal-Birgu.

## 45.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

45.4.1 Is-Sur Anton Gellel issugerriexa li l-haddiema tar-restuarants tal-Waterfront ghandhom jipparkjaw fil-parkegg li hemm fejn St.Anglu u mhux fil-parkegg ta` Triq San Lawrenz u jinholoq inkonvenjent lir-residenti tal-lokal.

**45.5 Tmien tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgha u ghoxrin ta` filghaxija (7:00pm). Il-seduta tal-laqgha li jmis giet aggornata ghat-Tnejn 29 ta` Jannar 2018 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati llum it-Tnejn 5 ta` Frar 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |